MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Numru. 26/2001

Il-Pulizija
(Spettur  Paul Bond)

vs

Adrian Baldacchino

Il-Qorti ,

Rat li l-imputat, Adrian Baldacchino ta’ 26 sena, bin Paul u Georgina u nee’ Caruana, imwieled Attard fl-20 ta’ Gunju 1974 u residenti ‘Fiorella’, Triq il-Helsien Hal-Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 326074(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-30 ta’ Dicembru ,2000 wara nofs in-nhar waqt li kien go Victory Street, Qormi voluntarjament ikkaguna hsara fuq karozza li ggib numru JAO -836 ta’ ghamla ‘Lada’ li liema hsara tammonta ghal Lm593.50, ghad–dannu ta’ Anthony Baldacchino minn Hal-Qormi, hsara fuq karrozza li ggib numru EAM-591 t’ghamla Peaguot liema hsara tammonta ghal LM 252.50 ghad-dannu ta’ Raymond Baldacchino minn Haz-Zebbug;

hsara fuq karrozza li ggib numru HAB-079 t'ghamla Ford Sierra liema hsara tammonta ghal Lm121.75 ghad-dannu ta' Brian Baldacchino minn Hal-Qormi.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u lok, waddab flixkun tal-hgieg fid-direzzjoni ta' Raymond Baldacchino u Brian Baldacchino u dan b'perikolu ghalihom u ghal terzi persuni; qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u kliem oxxen; kiser il-paci pubblika bl-ghajjat u glied, hedded lill-istess persuni, u talli stieden lill-istess persuni ghal glied.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurezza tal-imsemmija persuni u tal-familjari taghhom jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Adrian Baldacchino b'obligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffisata minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-Atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 10 ta' Jannar 2001 (a folio 7 tal-process) sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal -21 ta' Frar 2002, iddikjara li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Ili l-kaz jirrigwarda ncident li nqala' fl-20 ta' Dicembru 2000 ghall-habta tal-4:30pm fi Triq Vitorja, Hal-Qormi bejn l-imputat u zijuh Raymond Baldacchino .

Dan l-incident inqala' quddiem is-showroom propjeta' taz-ziju l-iehor tal-imputat, u cioe' Anthony Baldacchino, u l-imputat qed jigi akkuzat li kkaguna hsara volontarja li tammonta ghas-somma ta' hames mija tlieta u disghin lira u hamsin centezmu Maltin (LM593.50) fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAO 836 ghad-dannu ta' Anthony

Baldacchino, hsara volontarja ammontanti ghas-somma ta’ mitejn tnejn u hamsin lira u hamsin centezmu Maltin (LM252.50) fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni RAM 591 ghad-dannu ta’ Raymond Baldacchino u hsara volontarja ammontanti ghas-somma ta’ mija u wiehed u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu Maltin (LM 121.75) fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAB 079 ghad-dannu ta’ Brian Baldacchino.

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat ukoll talli waqt l-imsemmi ncident huwa waddab flixkun tal-hgieg fid-direzzjoni ta’ Raymond Baldacchino u Brian Baldacchino b’perikolu ghalihom u ghal terzi persuni u anki talli qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku u talli kiser il-paci pubblika bl-ghajjat u l-glied.

Inkwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, d-Difiza invokat l-Artikolu 332 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u sostniet li trattandosi ta’ allegata hsara volontarja fuq propjeta’ ta’ axxdenti u qraba (iz-zijiet u l-kugini ta’ l-imputat) kienet mehtiega l-kwerela tad-danneggjati sabiex l-azzjoni kriminali tkun prosegwibbli. Mill-atti bl-ebda mod ma jirrizulta li saret kwerela ai termini tal-Artikoli 537 u 538 tal-Kap 9 u ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni.

In kwantu jirrigwarda it-tieni imputazzjoni jirrizulta sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp Kriminali kemm mix-xhieda ta’ Raymond Baldacchino (li xehed fis-seduta tal-21 ta’ Frar, 2007) li l-imputat waddab xi flixken fi direzzjoni ta’ l-istess Raymond Baldacchino u li huwa qal kliem konsistenti f’dagha u kliem oxxen fil-pubbliku kif ukoll li huwa kiser il-paci u l-bon ordni b’ghajjat u glied.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikolu 338(bb),338(dd) u 339 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25.00) u ghar-ragunijiet spjegati aktar il-fuq tilliberah mill-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------